**21 ta' Jannar, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Michael Borg

**Prostituzzjoni — Gabbana — Kontroll — Amministrazzjoni — Art. 10 tal-Kap. 102.**

*Il-liġi dwar il-qirda tal-kummerċ tal-prostituzzjoni tirrendi ħati lis-sid, jew min għandu f'idejh l-amministrazzjoni ta' dar jew fond ieħor, u xjentement jagħti b'kiri jew jippermetti l-użu tagħhom għal skopijiet ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali.*

*Għall-finijiet ta' din il-liġi, gabbana li "watchman" ikollu taħt il-kustodja tiegħu f'"dump" tal-Public Works, li tissakkar, fejn il-ħaddiema jkollhom ħwejjiġhom u fejn dak il-"watchman" jistkenn, taqa' fit-terminu "fond" użat mil-liġi; u l-kustodja li kellu dak il-"watchman" tidħol fit-terminu "amministrazzjoni", li f'dak l-artikolu tal-liġi jfisser "kontroll" tal-post, ankorkè jkun kontroll eżerċitat minn persuna diversa minn sid il-post.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors li bih Michael Borg appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta fl-ismijiet premessi, tal-5 ta' Diċembru 1960, u talab li jiġi liberat minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-imsemmija sentenza, li biha l-appellant ġie misjub ħati illi fi żmien sitt xhur mit-28 ta' Novembru 1960, bħala persuna li kellha f'idejha fond, xjentement ippermetta l-użu ta' dan il-fond għal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet oħra immorali, u ġie kundannat għal erbgħa xhur lavori forzati, fit-termini tal-art. 10 tal-Kap. 102;

Jirriżulta illi l-appellant, li hu "watchman" mal-Gvern, kellu taħt il-kustodja tiegħu f'"dump" tal-Public Works, ir-Raħal Ġdid, gabbana taż-żingu sitt piedi wiesgħa bi tmien piedi tul, li tissakkar, fejn il-ħaddiema jkollhom ħwejjiġhom u fejn jistkenn l-appellant;

L-appellanti jammetti illi f'dik il-gabbana kellu x'jaqsam sesswalment ma' waħda Annie Spiteri, u li fl-istess gabbana hija kellha x'taqsam ma' rġiel oħra waqt li l-appellant qagħad barra;

P.C. Henry Grech fis-6 ta' Settembru 1960 ra lil Spiteri dieħla ma' rġiel f'xi s-6 p.m. fil-gabbana, u wara ra lill-appellant ħiereġ magħha minn sqaq li hemm ħdejn il-gabbana; u Pupul Gatt ra tant lill-appellant kemm irġiel oħra deħlin ma' Spiteri f'dil-gabbana;

Minn dan joħorġu l-elementi kollha tar-reat li tiegħu l-appellant ġie misjub ħati. L-art. 10 tal-Kap. 102 jirrendi ħati ta' reat lis-sid, jew minn għandu f'idejh l-amministrazzjoni ta' dar jew fond ieħor, u xjentement jagħti b'kiri jew jippermetti l-użu tagħhom għal skopijiet ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali;

Għall-finijiet ta' din il-liġi, gabbana bħal dik in kwistjoni taqa' fit-terminu "fond", jew "premises" fit-test ingliż tal-liġi — terminu lat u biżżejjed komprensiv; u l-kustodja li kellu l-appellant tal-istess gabbana tidħol fit-terminu "amministrazzjoni" ("administration"), li f'dak l-artikolu tal-liġi jfisser "kontroll" tal-post, ankorkè dan il-kontroll

ikun għal żmien jew ħinijiet limitati, u ankorkè jkun kontroll eżerċitat minn persuna diversa minn sid il-post. Jirrikorri wkoll l-element tal-prostituzzjoni jew skopijiet oħra immorali, bil-prestazzjonijiet karnali ta' Annie Spiteri, mara ta' karattru immorali kif xehed li jafha l-Ispettur Claridge, lil numru indeterminat ta' persuni fosthom l-istess appellant, li kien jippermetti l-użu ta' dik il-gabbana għall-meretriċju tagħha;

Ma għandha ebda rilevanza ċ-ċirkustanza li semma l-appellant, illi dan ma kienx jagħmlu għall-flus, u li anzi hu kien iħallas lil Spiteri tal-favuri tagħha lejh;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.